# Il-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun

minn Alfred Caruana Ruggier

Kull meta ngħaddi mit-Triq Tal-Barrani
nara bħal omm b'uliedha mdawwra magħha:
il-knisja għolja fuq djar u għelieqi.
Kulħadd jitpaxxa, naf, bid-dehra tagħha

bħal meta Wordsworth minn fuq pont f'nofs Londra
tgħaxxaq b'dik il-belt: kiteb poeżija
li ħafna jafu kemm din hi sabiħa
għax tixhed tal-poeta kull tgawdija.

Hekk hi għalija din id-dehra sbejħa,
il-knisja taż-Żejtun u ta' madwarha
taħt ix-xemx tagħna li għamlet dak lewnha
lewnet il-għasel bnin. Dan kullħadd jara.

Imbagħad dawwlet ix-xemx fil-ħin ta' nżulha
joħloq l-isbaħ dehra ta' filgħaxija
meta kull ġebla deheb issir quddiemi;
bħal nisġa filugranu ssir għalija.

Nistħajjel il-perit Gafà Lorenzo,
li f'din il-knisja fassal l-isbaħ binja,
ħdejja qiegħed iħares. Dal-ġmiel kollu
żgur lilna t-tnejn jaf inessina d-dinja!